MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' April, 2013

Numru 26/2012

**“Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard C. Spiteri)**

**v.**

**Alan Cutajar**
***… omissis …***
***… omissis …*”**

**Il-Qorti:**

**1.** Reġgħet rat in-nota ta’ l-uffiċjal tal-*probation* Antonella Spagnol tas-26 ta’ Ġunju 2012 li biha għamlet denunzja fis-sens ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, u fejn informat lil din il-Qorti li l-imsemmi Alan Cutajar naqas li jiffinalizza u jittermina b’suċċess il-programm ta’ rijabilitazzjoni mid-droga hekk kif elenkat bħala waħda mill-kundizzjonijiet ta’ l-ordni ta’ *probation*;

**2.** Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fit-8 ta’ Jannar 2010 li permezz tagħha dik il-Qorti, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 261(b)(c), 263, 267, 278, 279, 325, 49, 50, 289 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imsemmi Alan Cutajar ħati ta’ l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u ċioe` talli:

(1) flimkien mal-ko-imputati l-oħra, f’San Ġwann, f’xi ħin bejn it-tlieta nieqes kwart u tlieta u nofs ta’ wara nofsinhar tal-Ħadd 20 ta’ April 2008, ikkommettew serq ta’ flus minn ġewwa l-ħanut Spotless li jinsab fi Triq Giorgio Preca, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaqbeż l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro (€2,329.37) u bil-mezz għad-dannu ta’ Philip Forace;

(2) fl-istess data, lok u ċirkostanzi għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor u ċioe` l-ħġieġa tal-vetrina u l-i*sticker* tar-reklam li kien hemm fuqha u li jinsabu fil-faċċata tal-ħanut Spotless li jinsab fi Triq Giorgio Preca, liema ħsara tammonta għall-valur ta’ €813.32 u dan għad-dannu ta’ Philip Forace;

(3) irrenda ruħu reċidiv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta billi kien ġie misjub ħati b’sentenzi tal-Qorti ta’ Malta li saru definittivi u għaldaqstant ma jistgħux jinbidlu;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, qiegħdet lill-imsemmi Alan Cutajar taħt ordni ta’ *probation* għal perijodu ta’ tliet snin taħt is-segwenti kondizzjonijiet:

1. Li matul il-perijodu ta’ *probation* ta’ tliet snin Alan Cutajar għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha ta’ l-uffiċjal tal-*probation* u jżomm dak il-kuntatt meħtieġ u mitlub mill-uffiċjal tal-*probation* maħtur lilu.

2. L-uffiċjal tal-*probation* maħtur għal dan l-iskop għandu jirrapporta bil-progress ta’ Alan Cutajar kull sitt (6) xhur bil-miktub.

3. Alan Cutajar għandu javża immedjatament lill-uffiċjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu.

4. Alan Cutajar għandu jiffinalizza u jittermina b'suċċess il-programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga li huwa diga` beda fil-Komunita` ta' Santa Marija fil-15 ta' April 2009.

**4.** Semgħet id-deposizzjonijiet mogħtija mill-uffiċjal tal-*probation* Antonella Spagnol; rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża; ikkunsidrat:

**5.** Mill-provi jirriżulta illi l-*probationer* kellu problema ta' abbuż tad-droga u kien beda programm ta' rijabilitazzjoni fil-Komunita` Santa Marija. Jidher illi wera progress sostanzjali u difatti l-Qorti tal-Maġistrati ddeċidiet illi tqiegħdu taħt *probation* sabiex ikun jista' jikkompleta tali programm. Sfortunatament kellu *relapse* u b'hekk ma setax jiggradwa. Id-denunzja saret peress illi naqas milli jiffinalizza l-programm. Inoltre naqas milli jattendi għall-appuntamenti mogħtija lilu mill-uffiċjal tal-*probation* u mal-*key worker* fi ħdan l-aġenzija SEDQA. Sadattant, pero`, beda jaħdem bħala xufier u juża s-servizzi tad-Detox. Qiegħed ukoll iżomm kuntatt regolari kemm ma' l-uffiċjal tal-*probation* kif ukoll mal-*key worker*, qiegħed juri konsistenza u hemm ċertu stabilita` fil-ħajja tiegħu.

**6.** L-iskop tal-*probation* hu li persuni misjuba ħatja ta' xi reat jew reati jingħataw l-għajnuna meħtieġa minn uffiċjal tal-*probation* kif ukoll minn professjonisti oħra, skond il-ħtieġa. Hija ħasra li l-*probationer* ma ggradwax mill-programm li kien qiegħed isegwi għax reġa' abbuża mid-droga. Din il-Qorti tifhem li dan jista' jissuċċiedi u tapprezza l-fatt illi kompla jagħmel l-isforzi neċessarji sabiex jieqaf minn dan l-abbuż. Fiċ-ċirkostanzi huwa opportun illi l-*probationer* jibqa' taħt *probation* għal perijodu ulterjuri sabiex jibqa' jkun hemm kemm assistenza kif ukoll sorveljanza fuq l-aġir tiegħu.

7**.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi, a tenur tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li kkonstatat li l-*probationer* Alan Cutajar kiser

l-ordni ta’ *probation* tat-8 ta’ Jannar 2010, tittratta miegħu mill-ġdid għall-imputazzjonijiet (imsemmija fit-tieni (2) paragrafu ta’ din is-sentenza) li dwarhom huwa kien tpoġġa taħt tali ordni daqs li kieku għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem din il-Qorti għal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li għal kull bwon fini tikkonferma l-ħtija fir-rigward ta’ l-imsemmija imputazzjonijiet, wara li rat l-artikoli 261(b)(c), 263, 267, 278, 279, 325, 49, 50, 289 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tqiegħdu mill-ġdid taħt *probation* a tenur ta’ l-artikolu 7 tal-Kap. 446 għal perijodu ta’ tmintax-il xahar millum taħt is-sorveljanza ta’ uffiċjal tal-*probation* li jiġi nominat ghal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* li qiegħed jiġi hawn anness, u liema kondizzjonijiet il-ħati ddikjara li huwa jaċċetta. Tordna li kopja ta’ l-ordni ta’ *probation* tiġi minnufih komunikata lill-*probationer* u lill-Uffiċjal Prinċipali tal-*Probation*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------